

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2007/2156(INI)

19.12.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa
(2007/2156(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bilyana Ilieva Raeva

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' strateġija demografika għal żmien twil fil-livell ta' l-UE; jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni għandu jkun fiha elementi ta' politiki ta' finanzi pubbliċi, ta' tkabbir ekonomiku xieraq, ta' politiki dwar l-impjiegi u s-suq tax-xogħol, ta' politiki effettivi b'appoġġ għat-tiġdid demografiku u politiki dwar l-edukazzjoni, ta' tagħlim tul il-ħajja, u ta' kura ta' saħħa, u għandha tikkonsidra l-prattiki differenti fir-rigward tal-benefiċċji soċjali fl-Istati Membri;
2. Ifakkar li l-Istati Membru għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom skond il-Patt ta' l-Istabbilità u t-Tkabbir bħala mezz kif jegħlbu l-isfidi demografiċi;
3. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda prevista fin-nefqa relatat ma' l-età u l-effetti tagħha, li titfa' piż kbir fuq is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi ta' l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-pensjoni (fuq bażi ta' kontribuzzjonijiet, professjonali u privati) u biex jiżviluppaw prodotti finanzjarji ġodda għall-kura għal żmien twil; jilqa' b' sodisfazzjon l-użu ta' varjetà ta' strumenti finanzjarji, filwaqt li jenfasizza l-bżonn ta' sigurtà u ta' trasparenza sabiex l-individwu jġemma' u jinvesti;
4. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw inċentivi tat-taxxa għall-kumpaniji li jimpjegaw ħaddiema aktar anzjani, sabiex fuq naħa waħda jtaffu l-piż fuq l-infiq pubbliku u fuq in-naħa l-oħra jtaffu l-piż fuq l-impjegati billi jkun hemm tnaqqis fit-taxxa għad-dħul marġinali li jirċievu minbarra l-pensjoni tagħhom, sabiex tagħmilha aktar faċli għalihom biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol fuq bażi volontarja; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jipprovdu politiki flessibbli għal min iħalli s-suq tax-xogħol u sabiex jintroduċu Prattiki ta' taħriġ tul il-ħajja;
5. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju - ibbażat fuq dejta distinta skond il-ġeneru - dwar il-benefiċċji tat-taxxa u l-ostakli eżistenti li huma relatati ma' l-impjieg u li jkun iffikukat fuq il-popolazzjoni li qed tixjeh;
6. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex qabel is-sena 2014, iħaffu aktar il-proċess tal-libertà tal-moviment għall-ħaddiema kollha fi ħdan Unjoni Ewropea mkabbru;
7. Ifakkar li spinta għan-numru ta' impjiegi hija prijorità għolja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jipponu inċentivi u kundizzjonijiet favorevoli għad-dħul kmieni ta' żgħażagħ fis-suq tax-xogħol billi jappoġġjaw, pereżempju, 'mentoring' bejn ħaddiema li laħqu l-età tal-pensjoni u ħaddiema żgħażagħ permezz ta' skemi ta' qsim ta' impjieg (job-sharing) u ħidma part-time, parteċipazzjoni aktar intensiva f'opportunitajiet ta' taħriġ esterni, iktar impjiegi part-time u xogħol li jista' jsir barra l-post tax-xogħol (distance working) għaż-żgħażagħ u għall-persuni li għandhom responsabilitajiet ta' kura;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jużaw miżuri aktar stretti kontra

kull evażjoni tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sabiex tkun żgurata s-sostenibilità ta' l-iskemi tal-pensjoni; jaqbel mal-fatt li l-proporzjon tal-benefiċċji soċjali għal qgħad meta mqabbel mal-livell minimu tas-salarju f'ċertu Stati Membri huwa baxx wisq tant li jista' jtellef impjeg potenzjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu sistemi flessibbli u opportunitajiet għall-għażla personali rigward meta wieħed jirtira mix-xogħol (lil hinn mill-età minima għall-pensjoni) permezz ta' inċentivi għall-ħaddiema li jiddeċiedu li jkomplu jaħdmu għal aktar żmien u diżinċentivi għall-irtirar kmieni li ma jkunx minħabba mard;

9. Jenfasizza l-bżonn li jkunu definiti u kkoordinati l-politiki ta' immigrazzjoni bejn l-Istati Membri bl-għan doppju li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li jiffinanzjaw is-sistemi nazzjonali tal-pensjoni waqt li jiggwarantixxu lill-immigranti kundizzjonijiet indaqs ta' l-għejxien u tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis u tippreżenta malajr kemm jista' jkun strateġija speċifika u miżuri marbuta ma' l-immigrazzjoni ekonomika;
10. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiffokaw fuq l-impatt tal-bidliet demografiċi fuq l-ekonomija fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom u fil-perspettiva ta' l-istadju l-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u biex jikkoordinaw mill-qrib il-politiki makroekonomiċi sabiex it-ktabbir, il-kompetittività u l-produttività ta' l-UE jkunu jistgħu jlaħħqu ma' l-isfidi demografiċi; jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi referenzi bbażati fuq l-aħjar Prattiki tal-pajjiżi li kellhom l-iktar suċċess biex jегħlbu l-isfidi demografiċi bi strateġiji ekonomiċi u soċjali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	19.12.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 34 - : 1 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mariela Velichkova Baeva, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Slavi Binev, Sebastian Valentin Bodu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Jonathan Evans, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Donata Gottardi, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Gay Mitchell, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Heide Rühle, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Skinner, Margarita Starkevičiūtė, Cornelis Visser, Sahra Wagenknecht
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jorgo Chatzimarkakis, Daniel Dăianu, Werner Langen, Gianni Pittella, Bilyana Ilieva Raeva, Andreas Schwab
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theodor Dumitru Stolojan